Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11045 – MITSUBISHI CORPORATION / MITSUBISHI HC CAPITAL / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 82/04)

1. Fl-24 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi Corporation ("MC", il-Ġappun),

— Mitsubishi HC Capital INC ("MHC", il-Ġappun),

— JV (il-Ġappun).

MC u MHC jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— MC hija kumpanija kummerċjali li tiżviluppa u tħaddem negozju madwar id-dinja f'varjetà ta' industriji, inklużi l-karozzi u l-mobbiltà,

— MHC tipprovdi varjetà ta' servizzi finanzjarji inklużi kiri finanzjarju, kiri operatorju iffukat fuq il-valuri tal-assi, kiri tal-karozzi, kiri tal-proprjetà immobbli, inizjattivi ta' finanzjament privat (PFI business), fatturament u prodotti ambjentali, u hija attiva mad-dinja kollha,

— JV se topera l-kiri, ix-xiri u l-bejgħ tal-karozzi, kif ukoll servizzi relatati mal-ġestjoni tal-vetturi fil-Ġappun. Din se tgħaqqad l-attivitajiet attwali ta' i) Mitsubishi HC Capital Auto Lease Corporation, bħalissa kkontrollata esklużivament minn MHC, u ii) Mitsubishi Auto Leasing Corporation, li bħalissa hija kkontrollata bi sħab minn MC u MHC. JV mhu se jkollha l-ebda attività fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11045 – MITSUBISHI CORPORATION / MITSUBISHI HC CAPITAL / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË